PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika ta' bidu ta' rieżami interim parzjali tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħjut tal-poliesteru ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

(2016/C 384/07)

Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") irċeviet talba għal rieżami interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku").

1. Talba għal rieżami

It-talba għal rieżami tressqet minn Taylor Wessing f'isem American & Efird (A&E Europe) ("l-applikant"), importatur ta' tipi speċifiċi ta' ħjut tal-poliesteru b'tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat").

Ir-rieżami huwa limitat għall-eżaminazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fir-rigward tal-kjarifika jekk ċerti tipi ta' prodotti, jiġifieri ħjut tal-ħjata mhux miżbugħin, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping applikabbli fuq importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteru ta' tenaċità għolja li joriġinaw fil-pajjiż ikkonċernat.

2. Il-prodott li qed jiġi rieżaminat

Il-prodott suġġett għal dan ir-rieżami huwa l-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja (minbarra l-ħajt tal-ħjata), li ma jkunx għall-bejgħ bl-imnut, inkluż il-monofilament ta' inqas minn 67 decitex ("il-prodott li qed jiġi rieżaminat"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċi NM 5402 20 00.

3. Il-miżuri eżistenti

Il-miżuri attwalment fis-seħħ huma dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1105/2010 [2].

Fit-28 ta' Novembru 2015, il-Kummissjoni ppubblikat Avviż ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteru ta' tenaċità għolja, li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina [3]. Sakemm titlesta l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, il-miżuri jibqgħu fis-seħħ.

4. Raġunijiet għar-rieżami

L-applikant jitlob l-esklużjoni tal-ħjut tal-ħjata mhux miżbugħin mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri antidumping eżistenti u jitlob li jiġu emendati l-kriterji tal-esklużjoni skont dan: "il-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja (apparti l-ħjut mibrumin f'Z' lesti biex jinżebgħu u biex jirċievu trattament tal-aħħar, impoġġija fuq irfid, ta' piż li ma jaqbiżx 2 000 g (inkluż l-irfid)), mhux għall-bejgħ bl-imnut, inklużi monofilamenti ta' inqas minn 67 decitex, attwalment taħt il-Kodiċi NM *ex* 5402 20 00 u li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina".

It-talba skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku hija bbażata fuq evidenza *prima facie* pprovduta mill-applikant li turi li l-karatteristiċi bażiċi fiżiċi u tekniċi tal-prodotti li għandhom jiġu eskluži jvarjaw b'mod sinifikanti minn dawk tal-prodott li qed jiġi rieżeminat.

5. Proċedura

Hekk kif iddeterminat, wara li nfurmat lill-Istati Membri, li teżisti biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' rieżami interim parzjali, il-Kummissjoni tagħti bidu għal rieżami skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, limitat għall-eżaminazzjoni tal-iskop tal-prodott.

---

[1] ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

[2] IR-REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1105/2010 tad-29 ta' Novembru 2010 li jimponi dazju definittiv tal-antidumping u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jtemm il-proċediment li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Korea u t-Tajwan ĠU L 315, 1.12.2010, p. 1.

[3] Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ħjut tal-poliesteri ta' tenaċità għolja li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (2015/C-397/05) ĠU C 397 28.11.2015, p. 10.

Kull Regolament li jista' jirriżulta minn dan ir-rieżami jista' jkollu effett retroattiv sa mid-data tal-impożizzjoni tal-miżuri eżistenti, jew b'mod alternattiv, minn data iktar tard, pereżempju d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Il-partijiet interessati kollha, u b'mod partikolari l-importaturi, huma mistiedna jressqu l-fehmiet tagħhom dwar din il-kwistjoni, u jissottomettu kull evidenza li tappoġġa dawn il-fehmiet.

5.1. *Is-sottomissjonijiet bil-miktub*

Il-partijiet interessati kollha huma b'dan mistiedna jippreżentaw fehmiethom, iressqu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Sabiex tkun tista' tikseb l-informazzjoni li hija tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarju lill-applikant bħala importatur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tibgħat kwestjonarji lill-partijiet interessati li ppreżentaw ruħhom. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, din l-informazzjoni u l-evidenza ta' sostenn iridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 37 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5.2. *Possibbiltà ta' smigħ mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni*

Il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu li jinstemgħu mis-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. Kull talba għal smigħ trid issir bil-miktub u trid tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti dwar kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, talba għal smigħ trid titressaq fil-limitu tal-iskadenzi speċifiċi stabbiliti mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

5.3. *Istruzzjonijiet għas-sottomissjonijiet bil-miktub u biex jintbagħtu l-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza*

L-informazzjoni ppreżentata lill-Kummissjoni għall-fini tal-investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ għandha tkun ħielsa mid-drittijiet tal-awtur. Il-partijiet interessati, qabel ma jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni u/jew dejta soġġetti għad-drittijiet tal-awtur ta' partijiet terzi, iridu jitolbu permess speċifiku lid-detentur tad-drittijiet tal-awtur li jippermetti b'mod espliċitu (a) li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni u d-dejta għall-iskop ta' dan il-proċediment tad-difiża tal-kummerċ u (b) li l-informazzjoni u/jew id-dejta jiġu provduti lill-partijiet interessati għal din l-investigazzjoni f'għamla li tippermettilhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom.

Is-sottomissjonijiet kollha bil-miktub, inkluża l-informazzjoni mitluba f'dan l-Avviż, il-kwestjonarji mimlija u l-korrispondenza pprovduta minn partijiet interessati fuq bażi kunfidenzjali jeħtieġu li jkunu mmarkati bħala "Limited" (Ristretti) ([1]). Kull talba għal trattament kunfidenzjali trid tiġi ġustifikata b'mod xieraq.

Partijiet interessati li jipprovdu informazzjoni "Limited" (Ristretta) huma mitluba li jagħtu ġabriet fil-qosor mhux kunfidenzjali ta' din l-informazzjoni skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament bażiku, li jiġu mmarkati "For inspection by interested parties" (Għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati). Dawn it-taqsiriet għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex jippermettu fehim raġonevoli tas-sustanza tal-informazzjoni mressqa b'mod kunfidenzjali. Jekk parti interessata li tippreżenta informazzjoni fuq bażi kunfidenzjali ma tipprovdix taqsira mhux kunfidenzjali tagħha fil-format u l-kwalità mitluba, din l-informazzjoni tista' tiġi injorata.

Il-partijiet interessati huma mistiedna jressqu s-sottomissjonijiet u t-talbiet kollha permezz ta' ittra elettronika u jinkludu prokuri u dokumenti ta' ċertifikazzjoni skennjati, bl-eċċezzjoni ta' tweġibiet voluminużi li għandhom jitressqu fuq CD-ROM jew DVD bl-idejn jew permezz ta' ittra reġistrata. Permezz ta' ittra elettronika, il-partijiet interessati jesprimu l-qbil tagħhom mar-regoli applikabbli għas-sottomissjonijiet elettroniċi li jinsabu fid-dokument "CORRESPONDENCE WITH THE EUROPEAN COMMISSION IN TRADE DEFENCE CASES" ippubblikat fuq is-sit elettroniku tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ: http://trade.ec.europa.eu/doclib/docs/2011/june/tradoc_148003.pdf. Il-partijiet interessati jridu jindikaw l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefown u indirizz tal-posta elettronika validu tagħhom u jeħtieġu jiżguraw li l-indirizz elettroniku pprovdut ikun indirizz elettroniku tan-negozju uffiċjali operattiv li jiġi ċċekkjat kuljum. Ladarba jinġhataw id-dettalji ta' kuntatt, il-Kummissjoni tikkomunika mal-partijiet interessati permezz tal-posta elettronika biss, sakemm ma jkunx hemm talba speċifika li d-dokumenti kollha mill-Kummissjoni jintbagħtu b'mezz ieħor ta' komunikazzjoni jew sakemm in-natura tad-dokument li għandu jintbagħat ma tkunx teħtieġ l-użu ta' posta reġistrata. Għal aktar regoli u informazzjoni dwar il-korrispondenza mal-Kummissjoni inklużi l-prinċipji li japplikaw għas-sottomissjonijiet bil-posta elettronika, il-partijiet interessati jeħtieġ li jikkonsultaw l-istruzzjonijiet ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati msemmija hawn fuq.

([1]) Dokument "Ristrett" huwa dokument meqjus kunfidenzjali skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku u l-Artikolu 6 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-GATT 1994 (il-Ftehim Antidumping). Dan hu wkoll dokument protett skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

L-indirizz tal-Kummissjoni għall-korrispondenza:

European Commission
Directorate-General for Trade
Directorate H
Office: CHAR 04/039
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Posta elettronika: TRADE-R653-HTY-PRODUCT-SCOPE@ec.europa.eu

6. **Nuqqas ta' kooperazzjoni**

F'każijiet fejn xi parti interessata tirrifjuta l-aċċess għall-informazzjoni meħtieġa jew ma tipprovdihiex fit-termini preskrittivi stipulati, jew tfixkel b'mod sinifikanti l-investigazzjoni, il-konklużjonijiet, sew jekk pożittivi kif ukoll jekk negattivi, jistgħu jsiru konklużjonijiet abbażi tal-fatti disponibbli, skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

Meta jinstab li xi parti interessata tkun tat informazzjoni falza jew qarrieqa, l-informazzjoni tista' tiġi injorata u jintużaw il-fatti disponibbli.

Jekk parti interessata ma tikkooperax jew tikkoopera parzjalment biss u s-sejbiet għalhekk ikunu bbażati fuq fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, ir-riżultat jista' jkun anqas favorevoli għal dik il-parti milli kieku tkun ikkooperat.

In-nuqqas milli tingħata risposta kompjuterizzata ma għandux jiġi kkunsidrat bħala nuqqas ta' kooperazzjoni, sakemm il-parti interessata turi li biex tippreżenta r-risposta kif mitlub ikun ifisser piż żejjed mhux raġonevoli jew spiża addizzjonali mhux raġonevoli. Il-parti interessata teħtieġ li tagħmel kuntatt mal-Kummissjoni immedjatament.

7. **L-Uffiċjal tas-Seduta**

Il-partijiet interessati jistgħu jitolbu l-intervent tal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. L-Uffiċjal tas-Seduta jagħmilha ta' medjatur bejn il-partijiet interessati u s-servizzi ta' investigazzjoni tal-Kummissjoni. L-Uffiċjal tas-Seduta jeżamina t-talbiet għal aċċess għall-fajl, it-tilwim dwar il-kunfidenzjalità tad-dokumenti, it-talbiet għal estensjoni tal-limiti ta' żmien u t-talbiet minn partijiet terzi għal smigħ. L-Uffiċjal tas-Seduta jista' jorganizza smigħ ma' parti interessata individwali u jagħmilha ta' medjatur biex jiżgura li d-drittijiet tad-difiża tal-partijiet interessati jkunu qed jitħaddmu b'mod sħiħ.

It-talba għal seduta ta' smigħ mal-Uffiċjal tas-Seduta għandha ssir bil-miktub u għandha tispeċifika r-raġunijiet għat-talba. Għal seduti ta' smigħ dwar kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-fażi inizjali tal-investigazzjoni, it-talba trid tiġi ppreżentata fi żmien 15-il jum mill-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Wara dan, it-talba għal smigħ trid titressaq fl-iskadenzi speċifiċi stipulati mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni tagħha mal-partijiet.

L-Uffiċjal tas-Seduta jipprovdi wkoll opportunitajiet sabiex issir seduta ta' smigħ li tinvolvi lill-partijiet u li tippermetti li jiġu ppreżentati fehmiet differenti u li jitressqu argumenti kuntrarji dwar kwistjonijiet li jirrigwardaw, fost affarijiet oħra, il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott tal-miżuri kurrenti.

Għal aktar informazzjoni u għad-dettalji ta' kuntatt, il-partijiet interessati jistgħu jikkonsultaw il-paġni web tal-Uffiċjal tas-Seduta fuq is-sit elettroniku tad-DĠ Kummerċ: http://ec.europa.eu/trade/trade-policy-and-you/contacts/hearing-officer/.

8. **Skeda tal-investigazzjoni**

L-investigazzjoni tintemm, skont l-Artikolu 11(5) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il xahar mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

9. **L-ipproċessar ta' dejta personali**

Kull dejta personali miġbura f'din l-investigazzjoni tiġi ttrattata skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data ([1]).

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.